MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' April, 2015

Rikors Numru. 902/2011

**Elmo Insurance Services Limited noe et**

**vs**

**Rosario Sultana**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Elmo Insurance Services Limited li, ghar-ragunjiet hawn imfissra talbet lil din il-Qorti biex:

Tesegwixxi s-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet "Elmo Insurance Services Limited noe et vs Rosario Sultana" [Citaz. Nru. 2483/1998/JRM] deciza fid-9 ta' Jannar 2001 ai termini tal-Artikolu 258 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta] u dan, skond l-ordnijiet, provvedimenti u/jew direttivi li din l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Rat li Rosario Sultana, debitament notifikat ma ressaq ebda twegiba, ghalkemm sussegwentement ipprezenta zewg rikorsi li permezz taghhom talab l-awtorizzazzjoni li jressaq provi u sottomissjonijiet. Ghal dawn iz-zewg rikorsi s-socjetà Elmo Insurance Services Limited ressqet twegiba.

Ikkunsidrat illi b'sentenza tad-9 ta' Jannar 2001 is-socjetà rikorrenti giet kanonizzata kreditrici ta' Rosario Sultana. L-istess socjetà qed titlob li tesegwixxi s-sentenza wara dan it-trapass ta' zmien.

L-Art. 258 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

*"Wara -*

*(a) l-għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (a), (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' ġie esegwit; jew......*

*l-esekuzzjoni tista’ ssir biss wara talba magħmula b’rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.”*

Rosario Sultana ma gab lill-Qorti ebda raguni valida ghaliex ma wegibx ghar-rikors ta’ Elmo Insurance Services Limited fit-terminu li gie koncess lilu minn din il-Qorti permezz tad-digriet taghha tat-23 ta’ Settembru 2011.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad it-talbiet ta’ Rosario Sultana kif kontenuti fir-rikorsi tieghu datati 10 ta’ Gunju 2014 u 20 ta’ Gunju 2014; tilqa’ t-talba ta’ Elmo Insurance Services Limited u tawtorizzaha tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet Elmo Insurance Services Limited noe et vs Rosario Sultana (2483/1998).

L-ispejjez ta’ din il-procedura jithallsu minn Rosario Sultana.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------